PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PROVIŻORJU
2005/0037B(COD)

9.10.2006

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta ghal deciżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-programm speċifiku "Prevenzjoni kontra d-Droga u ta' informazzjoni" bħala parti mill-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja"
(COM(2006)0230 – C6-0095/2005 – 2005/0037B(COD))

Rapporteur: Inger Segelström

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta ghal deciżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-programm speċifiku "Prevenzjoni kontra d-Droga u ta' informazzjoni" bħala parti mill-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja"
(COM(2006)0230 – C6-0095/2005 – 2005/0037B(COD))

(Proċedura ta' Kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0230)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 152 tat-Trattat KE, skond liema Artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0095/2005),

– wara li kkunsidra r-Regola 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi il-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament
Emenda 1 Premessa 2	
(2) L-azzjoni tal-Komunità għandha tkun kumplimentari għall-politika nazzjonali diretta lejn titjib tas-saħħa pubblika hi u twarrab perikli għas-saħħa tal-bniedem u tnaqqas il-ħsara marbuta mas-saħħa assoċjata mad-dipendenza mid-drogi.	(2) L-azzjoni tal-Komunità għandha tkun kumplimentari għall-politika nazzjonali diretta lejn titjib tas-saħħa pubblika hi u twarrab perikli għas-saħħa tal-bniedem u tnaqqas il-ħsara marbuta mas-saħħa assoċjata mad-dipendenza mid-drogi, ***inklużi politiki ta' informazzjoni u ta' prevenzjoni.***

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ssegwi l-artikolu 152 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Emenda 2
Premessa 9 a (ġdida)

	(9a) Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-prevenzjoni ta' l-użu tad-drogi fost iż-żgħażagħ, li huma l-aktar persuni vulnerabbli fil-popolazzjoni. L-isfida prinċipali fil-prevenzjoni hi li ż-żgħażagħ jiġu inkoraġġuti biex ibiddlu l-attitudnijiet u l-aġir tagħhom billi jissawru strateġiji soċjali u konjittivi li jgħinuhom iżommu sod meta jiġi influwenzati minn dak li jitqies li hu normali fl-ambjent soċjali tagħhom.

Emenda 3
Artikolu 2, paragrafu 2

2. Mingħajr preġudizzju għall-għanijiet u setgħat tal-Komunità Ewropea, l-għanijiet ġenerali tal-programm għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-politika tal-*komunità* u iżjed speċifikatament, għal dawk marbuta mas-saħħa pubblika.	2. Mingħajr preġudizzju għall-għanijiet u setgħat tal-Komunità Ewropea, l-għanijiet ġenerali tal-programm għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-politika tal-*komunità* u iżjed speċifikatament, għal dawk marbuta mas-saħħa pubblika, ***b'mod partikulari il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE dwar id-Drogi 2005-2008 u 2009-2012***.

Emenda 4
Artikolu 4, punt (b)

(b) proġetti tranżnazzjonali speċifiċi ta' interess Komunitarju *ippreżentati* minn mhux anqas minn tliet Stati Membri bil-kundizzjonijiet imfissra fil-programmi ta' ħidma annwali; jew	(b) proġetti tranżnazzjonali speċifiċi ta' interess Komunitarju *ppreżentati* minn mhux anqas minn tliet Stati Membri, ***bil-parteċipazzjoni possibbli ta' pajjiżi ta' adeżjoni, pajjiżi kandidati jew pajjiżi terzi oħra,*** bil-kundizzjonijiet imfissra fil-programmi ta' ħidma annwali; jew

Emenda 5
Artikolu 6, paragrafu 2

2***. Rigward id-drogi, ż-żgħażagħ***, il-gruppi vulnerabbli u l-inħawi problematiċi huma gruppi f'riskju u għandhom ikunu identifikati bħala gruppi mira. Gruppi mira oħra, fost oħrajn, huma l-għalliema u l-impjegati fl-edukazzjoni, *l-*ħaddiema soċjali, l-awtoritajiet lokali u nazzjonali, impjegati mediċi u paramediċi, impjegati ġudizzjarji, *ONG*, trejd unjons u l-komunitajiet reliġjużi.	2***. Iż-żgħażagħ u*** gruppi ***oħra*** vulnerabbli***, bħalma huma n-nisa dipendenti fuq id-droga u dawk li jgħixu f'***inħawi problematiċi ***jew żvantaġġati*** huma gruppi f'riskju u għandhom ikunu identifikati bħala gruppi mira. Gruppi mira oħra, fost oħrajn, huma l-għalliema u l-impjegati fl-edukazzjoni, ***il-mexxejja ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, il-ġenituri,*** *il-*ħaddiema soċjali, l-awtoritajiet lokali u nazzjonali, impjegati mediċi u paramediċi, ***gwardjani tal-fruntieri,*** impjegati ġudizzjarji, *NGOs*, trejd unjons u l-komunitajiet reliġjużi.

Ġustifikazzjoni

Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-aktar gruppi vulnerabbli tas-soċjetà, bħaż-żgħażagħ. Grupp ieħor li huma partikularment vulnerabbli huma n-nisa dipendenti fuq id-drogi. In-nisa jiffaċċjaw problemi differenti mill-irġiel li huma dipendenti fuq id-drogi, sikwit huma esposti għal vjolenza bbażata fuq is-sessi, attakki sesswali u għandhom rata ta' mortalità ogħla minn ta' l-irġiel dipendenti fuq id-drogi.

Apparti hekk, huwa importanti li l-uffiċjali li jikkontrollaw il-fruntieri jiġu inklużi bħala grupp fil-mira, għax huma importanti fil-ġlieda sabiex itellfu l-mezzi ta' distribuzzjoni li jintużaw fit-trasport illegali tad-drogi. Għandhom ikunu wkoll fil-mira il-mexxejja ta' għaqdiet taż-żgħażagħ, bħal pereżempju assoċjazzjonijiet sportivi u kulturali, kif ukoll il-ġenituri.

Emenda 6
Artikolu 7

Aċċess għal dan il-programm *jibqa'* miftuħ għall-organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati u istituzzjonijiet (*awtortiatjiet* lokali fil-livell ***rilevanti,*** dipartimenti ta' l-universitajiet u ċentri ta' riċerka) li jaħdmu biex ***jagħtu*** tagħrif dwar u biex jipprevjenu l-użu tad-droga.	Dan il-programm *għandu jkun* miftuħ għall-organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati u istituzzjonijiet (*awtoritajiet* lokali fil-livell ***kompetenti,*** dipartimenti ta' l-universitajiet u ċentri ta' riċerka) li jaħdmu biex ***jipprovdu*** tagħrif dwar u biex jipprevjenu l-użu tad-droga.

Emenda 7

Artikolu 7 a (ġdid)

Artikolu 7a

Rikonoxximent ta' Finanzjament

Kwalunkwe istituzzjoni, assoċjazzjoni jew netwerk li tirċievi għotja skond dan il-programm għandha tirrikonoxxi l-appoġġ Komunitarju li rċeviet. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tistipula linji gwida dettaljati ta' viżibilità.

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ finanzjarju mill-UE dejjem għandu jkun rikonoxxut. Din hija kwistjoni ta' trasparenza kif ukoll għodda importanti sabiex jiġu komunikati l-isforzi tiegħu.

Emenda 8
Artikolu 8, paragrafu 2

2. L-għotjiet tal-Komunità għandhom jingħataw wara talbiet għall-proposti, ħlief f'każi ta' urġenza eċċezzjonali debitament issostanzjati jew fejn il-karatteristiċi tal-benefiċjarju ma jagħtux għażla oħra għall-azzjoni li tkun, u jkunu provduti permezz ta' għotjiet operattivi u għotjiet għall-azzjoni. ***L-****ogħla rata* ta' kofinanzjament ***tkun speċifikata fil-programmi ta' ħidma annwali***.	2. L-għotjiet tal-Komunità għandhom jingħataw wara talbiet għall-proposti, ħlief f'każi ta' urġenza eċċezzjonali debitament issostanzjati jew fejn il-karatteristiċi tal-benefiċjarju ma jagħtux għażla oħra għall-azzjoni li tkun, u jkunu provduti permezz ta' għotjiet operattivi u għotjiet għall-azzjoni. *Rata massima* ta' kofinanzjament ***ta' 80% hija stabbilita. Dan il-kofinanzjament jista' jiġi provdut parzjalment b'oġġetti flok flus, sakemm il-valur ta' dan it-tip ta' kontribut ma jkunx ikbar mill-ispiża involuta, kif ikun jidher fid-dokumenti tal-kontabilità, jew l-ispiża li ssir fuq is-suq relevanti b'mod ġenerali.***

Emenda 9
Artikolu 8, paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li s-sejħiet għal proposti jkunu ċari u li jistgħu jinftehmu. Fejn huwa xieraq, għandhom ikunu organizzati f'żewġ partijiet, fejn l-ewwel parti tirrikjedi biss il-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni li

	hija strettament neċessarja għall-evalwazzjoni tal-proposta.

Ġustifikazzjoni

Diversi organizzazzjonijiet li jirċievu fondi mill-baġit ta' l-UE jilmentaw dwar li l-proċeduri burokratiċi biex japplikaw għall-fondi huma kumplikati żżejjed, li hemm rekwiżitieċċessivi ta' rapputar, u ħlas tard mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, għandhom isiru sforzi biex il-proċeduri jkunu limitati għan-neċessarju fejn huwa possibbli.

Emenda 10
Artikolu 10, paragrafu 2

2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, jkunu japplikaw ***l-Artikoli 3*** u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE b'teħid in konsiderazzjoni *tal-provvedimenti* ta' l-Artiklu 8 tagħha.	2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, jkunu japplikaw ***l-Artikoli 5a*** u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE b'teħid in konsiderazzjoni *tad-dispożizzjonijiet* ta' l-Artiklu 8 tagħha.

Ġustifikazzjoni

Emenda 11
Artikolu 11, paragrafu 1

1. Għandhom ikunu mfittxija s-sinerġiji u l-kumplimentarjetà ma' strumenti oħra tal-Komunità, b'mod partikolari mal-***programm*** ġenerali "Sigurtà u Salvagwardja tal-Libertajiet", is-7 Programm Qafas ta' Riċerka u Żvilupp kif ukoll il-programmi dwar il-ħarsien tas-saħħa. Għandha tkun ***żgurata*** *l-kumplimentarjetà* maċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar Drogi u l-Ħakma mid-Drogi, ***b'mod partikolari rigward*** l-element statistiku tat-tagħrif dwar id-drogi.	1. Għandhom ikunu mfittxija s-sinerġiji u l-kumplimentarjetà ma' strumenti oħra tal-Komunità, b'mod partikolari mal-***programmi*** ġenerali "Sigurtà u Salvagwardja tal-Libertajiet" ***u "Solidarjetà u Mmaniġġjar tal-Kurrenti ta' Migrazzjoni"***, is-7 Programm Qafas ta' Riċerka u Żvilupp kif ukoll il-programmi dwar il-ħarsien tas-saħħa. Għandha tkun ***imfittxija b'mod attiv*** *il-kumplimentarjetà* maċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar Drogi u l-Ħakma mid-Drogi. L-element statistiku tat-tagħrif dwar id-drogi ***se jkun żviluppat b'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, bl-użu, fejn huwa neċessarju, tal-Programm ta' Statistika tal-Komunità.***

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni ta' emenda 2

Emenda 12
Artikolu 15, paragrafu 3, punt (- a) (ġdid)

(-a) rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programm b'lista ta', u dejta kwantitattiva dwar il-proġetti ffinanzjati;

Emenda 13
Artikolu 15 a (ġdid)

Artikolu 15a

Pubblikazzjoni ta' proġetti

Kull sena, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista ta' proġetti ffinanzjati skond dan il-programm, b'deskrizzjoni qasira ta' kull proġett.

Ġustifikazzjoni

Dan huwa importanti għal raġunijiet ta' trasparenza.